MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 81/2002

**John u Elizabeth konjugi Mizzi**

**vs**

**Emanuel u Carmen konjugi Mercieca**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“L-atturi ghandhom jiehdu s-somma ta’ tmien mija tnejn u hamsin lira (Lm852) minghand il-konvenuti, prezz ta’ gebel lilhom mibjugh u fornut kif jidher mid-dokument anness (Dok A) oltre l-interessi kummercjali skond il-ligi u l-ispejjes ta’ ittra interpellatorja tat-30 ta’Marzu 2001 u tal-ittra ufficcjali ta’ Frar 2002”.

Ra r-riferta posittiva mnejn jirrizulta li l-konvenuti gew debitament notifikati izda la pprezentaw risposta u lanqas dehru ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fil-25 ta’

Settembru 2002, tal-4 t'Ottubru 2002, tas-17 t'Ottubru 2002 u dik tal-lum;

Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' l-attrici li kkonfermat li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut u ra d-dokumenti esebiti;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-atturi u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta' tmien mija u tnejn u hamsin lira maltija (Lm852) bl-imghax legali, mid-data tal-kunsinna sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lill-atturi quddiem dan it-Tribunal u tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Marzu 2001 u l-ittra ufficjali ta' Frar 2002 a kariku tal-konvenut.

(ft) Grazio Mercieca

Gudikatur

(ft) Mary Jane Attard

Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur